MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 2726/2002

**Avviz Numru 2726/02 AJD
Mario Testa**

**vs**

**Roberta Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Novembru 2001 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' miija u wiehed u tmenin lira Maltin (Lm181.00) rapprezentanti hlasijiet minnha dovuti kwantu ghal spejjes u qliegh mitluf mill-attur bhala konsegwenza ta' kancellament ta' xoghol ta' fotgrafija u 'video'' ghat-tieg tal-konvenuta, liema tieg gie mhassar u kellu jsir fil-31 ta'' Mejju 2002.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-30 ta' Ottubru 2002 u bl-imghax legali kontra l-konvenuta.

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:-
1. Illi l-pretensjoni tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenuta tat lill-attur pre-avviz ta’’ madwar hames gimghat minn qabel li t-tieg kien thassar liema thassir tat-tieg kien xi haga li ma kienx fil-kontroll tal-konvenuta.
2. Illi l-konvenuta gja’ tilfet id-‘deposit on account’ fl-ammont ta’ erbghin lira Maltin (Lm40.00) li hija kienet hallset lill-attur liema ‘deposit’ qatt ma talbitu lura u per konsegwenza m’ghandha x’taghti xejn lill-attur.
3. Illi finalment l-attur ma jistax jitlob din is-somma ghal servizzi ta’ fotografija li qatt ma gew rezi minnu.
4. Illi ghalhekk it-talba tal-attur ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra tieghu.

Sema’ x-xhieda ta’ Lawrence Borg u Frank Figallo, Mark Testa tal-attur, ta’ Robert Caruana, Harold Caruana u tal-konvenuta. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-konvenuta kienu qabdet lill-attur sabiex jiehu hsieb il-fotografija u t-tehid tal-‘video’ fit-tieg tagha li kellu jsir fil-31 ta’ Mejju 2002. Dan it-tieg thassar u l-attur isiostni li huwa sar jaf biss madwar gimgha qabel it-tieg meta mar ifittex lill-konvenuta id-dar taghha il-Kappara u gie nfurmat minn familjari taghha li t-tieg kien thassar. F’dan ir-rigward il-konvenuta tispjega li hames gimghat qabel it-tieg hija kienet cemplet il-hanut tal-attur, kellmet lit-tifel tieghu Mark Testa, li mill-provi rrizulta li huwa mpjegat tal-attur, u nfurmatu li t-tieg kien thasar. Dan qalilha li hija kellha tirrinunzja ghad-‘deposit’ li kienet hallset meta ghamlet il-‘booking’ izda kien possibbli l tutilizza l-imsemmi ‘deposit’ fl-eventwalita’ li hija terga’ taghmel ‘booking’ iehor ghal data ohra: f’dan l-ahhar kaz kien necessarju li tmur il-hanut sabiex tiffirma dokument. L-attur jirribatti li huwa ma jaccettax ‘cancellations’ minn fuq it-telofon u jinsisti li

dawn iridu jsiru personalment. It-Tribunal ezamina bir-reqqa l-provi prodotti miz-zewg partijiet u jinsab konvint li effettivament il-konvenuta kienet infurmat lill-attur bil-kancellament tal-'booking' altrimenti ma kienx ikun hemm raguni ghalfejn huwa hass l-esigenza li jmur ifittixha d-dar taghha gimgha qabel it-tieg. Huwa jghid li kien ghamel hekk minhabba l-fatt li hija ma kienetx ikkomunikat mieghu xahar qabel it-tieg sabiex jiftehmu dwar il-'pre-wedding' izda t-Tribunal jistaqsi, jekk dan kien il-kaz, ghalfejn l-attur ma pruvax jikkomunika mal-konvenuta f'dak iz-zmien u mhux biss gimgha qabel it-tieg? Fil-fehma tat-Tribunal din hija inikazzjoni cara li l-attur kien jaf li t-tieg kien gie mhassar. In kwantu jirrigwarda l-modalita' tal-kancellament, it-Tribunal ma jara xejn irregolari fil-mod kif sar tali kancellament stante li fil-ftehim bejn il-partijiet (a fol. 26 u 27) m'hrmmx indikazzjoni dwar il-modalita' ta' terminazzjoni.

Illi l-Artikolu 1640 tal-Kap. 16 jipprovdi li min jaghti kuntratt ta' appalt jista' jhollu meta jrid anki jekk ix-xoghol ikun diga' beda u ghalhekk il-konvenuta kienet intitolata li tittermina l-inkarigu moghti lill-attur. L-imsemmi Artikolu 1640 jistabilixxi wkoll is-segwenti:-

***"(2) Jekk ma jkunx hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt, min jaghti x-xoghol ghandu jhallas biss lill-appaltatur l-ispejjes kollha u x-xoghol kollu tieghu flimkien ma somma li tigi meqjusa mill-qorti, skond ic-cirkostanzi, izda mhux izjed mill-qliegh li l-appaltatur seta' jaghmel b'dak l-appalt.***
***(3) Jekk ikun hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt, min jaghti x-xoghol ghandu jhallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx izjed mill-ispejjes tal-appaltatur u l-valur tax-xoghol, wara li jittiehed qies tal-utilita' ta' dawk l-ispejjes u dak ix-xoghol lil min ikun ta x-xoghol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra***".

Fil-kaz odjern l-kuntratt gie terminat ghal raguni valida fis-sens li jekk it-tieg kien thassar kien ovvju li s-servizzi tal-attur ma kienux aktar mehyiega, u ghalhekk huwa applikabbli s-sub-inciz (3) tal-Artikolu appena citat. In kwantu jirrigwarda l-valur tax-xoghol, dan kien ghadu ma nbediex, u ghalhekk il-konvenuta hija biss responsabbli

ghall-ispejjes inkorsi mill-attur, u dan wara li titqies l-utilita' ta' dawn l-ispejjes. L-imsemmija spejjes gew elenkati mill-attur f'ittra mibghuta lill-konvenuta u esebita a fol. 28 u 29 tal-process. Inoltre mix-xhieda rrizulta li l-attur kien hallas Lm20.00 lil Lawrence Borg li kellu jassistih fit-tieg. Mix-xhieda ta' dan Borg jirrizulta li l-attur kien qabdu xahar qabel id-data tat-tieg ( xhieda tat-12 ta' Frar 203). In vista tal-fatt li l-konvenuta kienet infurmat lill-attur bil-kancellament tat-tieg hames gimghat qabel, it-Tribunal ma jidhirlux li din l-ispiza kienet utli jew necessarja. L-attur hallas ukoll Lm45.00 lil Frank Figallo li spjega li huwa jaghmel xoghol ta' fotografu 'part-time' u li hu u l-attur ***"gieli nahdmu ghal xulxin, akkont li jirrigwarda tigijiet"*** (xhieda tat-12 ta' Frar 2003). F'dan ir-rigward it-Tribunal ukol jidhirlu li din l-ispiza ma kienetx necessarja, tenut kont tal-fatt li l-konvenuta kienet inkarigat biss lil-attur sabiex jiehu r-ritratti u mhux lil dan Frank Figallo L-attur hallas ukoll Lm60.00 lil ibnu Mark Testa izda mix-xhieda ta' dan tal-ahhar tat-3 ta' Marzu 2003 jirrizulta li huwa impjegat 'full time' tal-attur u li jithallas paga fissa. It-Tribunal ghalhekk ma jifhimx ghalfejn l-attur kellu jhallas Lm60.00 lill-impjegat 'full time' ghal xoghol li ma sarx. Dawn l-allegati spejjes kienu jammontaw ghal Lm125.00 izda l-attur qieghed jitlob is-somma ta' Lm181.00. Mid-dokument esebit a fol. 28 u 29 ma jirrizultax car ghal-liema raguni qed jintalab il-bilanc ta' Lm56.00 u l-attur ma pruvax soddisfacentement li dan l-ammont jirrigwarda spejjes utili u necessarji inkorsi minnu in konnessjoni mal-kuntratt ta' appalt in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici.

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjes ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------